A.L. 44 ta' l-1997

ATT TA' L-1995 DWAR IL-KUMPANNIJI (ATT NRU. XXV TA' L-1995)

ORDINANZA DWAR SOĊJETAJIET KUMMERĊJALI (KAP. 168)

Regolamenti ta' l-1997 dwar Drittijiet li joħorġu mill-Att dwar il-Kumpanniji

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 425 ta' l-Att ta' l-1995 dwar il-Kumpanniji, u bl-artikolu 195 ta' l-Ordinanza dwar Soċjetajiet Kummerċjali, il-Ministru tal-Finanzi u Kummerċ għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:—

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-1997 dwar Drittijiet li joħorġu mill-Att dwar il-Kumpanniji.

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jibdew iseħħu fit-2 ta' April, 1997.

Ġbir ta' drittijiet.

2. Id-drittijiet preskritti fl-Iskeda li tinsab ma' dawn ir-regolamenti għandhom ikunu d-drittijiet li għandhom jinġabru għar-rigward tar-reġistrazzjoni ta' soċjetajiet kummerċjali u r-reġistrazzjoni, spezzjoni jew ħruġ ta' dokumenti, ċertifikati, kopji jew estratti bis-saħħa ta' l-Att ta' l-1995 dwar il-Kumpanniji u l-Ordinanza dwar Soċjetajiet Kummerċjali.

Meta l-kapital tal-ishma jkun f'munita barranija.

3. Meta l-kapital tal-ishma ta' kumpannija jkun muri f'munita li ma tkunx Liri Maltin, id-drittijiet preskritti b'dawn ir-regolamenti għar-rigward tar-reġistrazzjoni ta' dokumenti, għandhom jinġabru fuq il-bażi ta' Liri Maltin li jkunu ekwivalenti għal dik il-munita l-ohra, kalkolati fid-data meta dokument jiġi konsenjat, mogħti jew notifikat lir-Registratur għar-reġistrazzjoni; u r-rata ta' kambju li għandha tintuża għandha tkun il-medja tar-rati ta' xiri u bejgħ li jkunu fis-seħħ fid-data msemmija hawn aktar qabel.

Thassir u riservi.

A.L. 13 ta' l-1965

4. (1) Salv kif xort'ohra provdut fil-paragrafu (2) ta' dan ir-regolament, ir-regolament 2 tar-Regolamenti ta' l-1965 dwar id-Drittijiet u l-Formuli dwar Soċjetajiet Kummerċjali, u l-Ewwel Skeda li tinsab

maghhom, maghmulin bis-saħħa ta' l-Ordinanza dwar Soċjetajiet Kummerċjali, qegħdin b'dan jiġu mħassra u dawn ir-regolamenti għandhom, b'seħħ minnufih minn meta jibdew iseħħu, ikunu japplikaw għal soċjetajiet kummerċjali li jkunu regolati mill-Att ta' l-1995 dwar il-Kumpanniji, u għal soċjetajiet kummerċjali li jkomplu jiġu regolati mill-Ordinanza dwar Soċjetajiet Kummerċjali skond l-Att ta' l-1995 dwar il-Kumpanniji:

Iżda ebda ħaġa f'dawn ir-regolamenti m'għanda titqies li tolqot ir-responsabilità għall-ħlas ta' drittijiet dovuti bis-saħħa tar-Regolamenti ta' l-1965 dwar id-Drittijiet u l-Formuli dwar Soċjetajiet Kummerċjali, qabel il-bidu fis-seħħ ta' dawn ir-regolamenti.

(2) Minkejja kull ħaġa li tinsab f'dawn ir-regolamenti, ir-Regolamenti ta' l-1965 dwar id-Drittijiet u l-Formuli dwar Soċjetajiet Kummerċjali, maghmulin bis-saħħa ta' l-Ordinanza dwar Soċjetajiet Kummerċjali, għandhom jibqgħu iseħħu u għandhom jibqgħu ikollhom effett għar-rigward ta' kumpanniji *offshore* maghmulin u reġistrati bis-saħħa ta' l-Att dwar iċ-Ċentru għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta, u d-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti m'għandhomx ikunu japplikaw għalihom.

Kap. 330

SKEDA

(Regolament 2)

Drittijiet

(a) Reġistrazzjoni ta' kull soċjetà kummerċjali li l-kapital awtorizzat jew il-kontribuzzjonijiet totali tagħha, skond il-każ:	
(i) ma jkunux iżjed minn Lm2,000	Lm100
(ii) ikunu iżjed minn Lm2,000 iżda mhux iżjed minn Lm5,000	Lm100 b'żieda ta' Lm6 għal kull Lm1,000 jew parti minn Lm1,000 'il fuq minn Lm2,000
(iii) ikunu iżjed minn Lm5,000 iżda mhux iżjed minn Lm100,000	Lm118 b'żieda ta' Lm1 għal kull Lm1,000 jew parti minn Lm1,000 'il fuq minn Lm5,000
(iv) ikunu iżjed minn Lm100,000	Lm213 b'żieda ta' 40c għal kull Lm1,000 jew parti minn Lm1,000 'il fuq minn Lm100,000 sa massimu ta' Lm573.

(b) Reġistrazzjoni ta' dokumenti mibgħuta lir-Reġistratur tal-Kumpaniji skond l-artikolu 385 ta' l-Att ta' l-1995 dwar il-Kumpaniji:

Meta l-kapital reġistrat tal-kumpannija barranija –

(i) ma jkunx iżjed minn Lm2,000	Lm100
(ii) ikun iżjed minn Lm2,000 iżda mhux iżjed minn Lm5,000	Lm100 b'żieda ta' Lm6 għal kull Lm1,000 jew parti minn Lm1,000 'il fuq minn Lm2,000
(iii) ikun iżjed minn Lm5,000 iżda mhux iżjed minn Lm100,000	Lm118 b'żieda ta' Lm1 għal kull Lm1,000 jew parti minn Lm1,000 'il fuq minn Lm5,000
(iv) ikun iżjed minn Lm100,000	Lm213 b'żieda ta' 40c għal kull Lm1,000 jew parti minn Lm1,000 'il fuq minn Lm100,000

Meta kumpannija barranija ma jkollhiex kapital reġistrat –

(i) jekk in-numru ta' membri dikjarat fl-att li jikkostitwixxi l-kumpannija ma jkunx iżjed minn 25	Lm100
(ii) jekk in-numru ta' membri dikjarat fl-att ikun iżjed minn 25 iżda mhux iżjed minn 100	Lm100 b'żieda ta' Lm6 għal kull 25 membru jew frazzjoni ta' dak in-numru 'il fuq mill-ewwel 25
(iii) jekk in-numru ta' membri dikjarat fl-att ikun iżjed minn 100 iżda jkun limitat	Lm118 b'żieda ta' Lm1 għal kull 50 membru jew frazzjoni ta' dak in-numru 'il fuq mill-ewwel 100
(iv) jekk in-numru ta' membri ma jkunx limitat	Lm186:

Iżda t-total tad-drittijiet imħallsa minn kumpannija b'riferenza għall-assoċjazzjoni tagħha ma għandu f'ebda każ ikun iżjed minn Lm186:

Iżda wkoll f'ebda każ ma għandu d-dritt ta' reġistrazzjoni jkun iżjed minn Lm573.

(ċ) Reġistrazzjoni ta' żieda fil-kapital awtorizzat jew fil-kontribuzzjonijiet totali ta' kull soċjetà kummerċjali, inkluż il-kapital reġistrat ta' kumpannija barranija:

Ammont daqs id-differenza, jekk ikun hemm, bejn l-ammont ta' drittijiet li kien ikollu jitħallas ma' l-ewwel reġistrazzjoni b'riferenza għall-kapital awtorizzat jew kontribuzzjonijiet totali tas-soċjetà kif miżjuda u l-ammont ta' drittijiet li kien ikollu hekk jitħallas b'riferenza għall-kapital awtorizzat tas-soċjetà jew kontribuzzjonijiet totali minnufih qabel iż-żieda.

(d) Reġistrazzjoni ta' bidla ta' soċ jetà kummerċjali:

Meta b'riżultat ta' bidla, il-kapital awtorizzat jew il-kontribuzzjonijiet totali tas-soċjetà mibdula ikunu ikbar mill-kapital awtorizzat jew kontribuzzjonijiet totali tas-soċjetà minnufih qabel il-bidla, ammont li jkun daqs id-differenza, jekk ikun hemm, bejn l-ammont ta' drittijiet li kien ikollu jitħallas ma' l-ewwel reġistrazzjoni b'referenza għall-kapital awtorizzat jew għall-kontribuzzjonijiet totali tas-soċjetà mibdula u l-ammont ta' drittijiet li kien ikollu hekk jitħallas b'referenza għall-kapital awtorizzat jew għall-kontribuzzjonijiet totali tas-soċjetà minnfih qabel il-bidla.

(e) Reġistrazzjoni ta' amalgamazzjoni ta' soċjetajiet kummerċjali:

Fil-każ ta' amalgamazzjoni ta' żewġ soċjetajiet jew iktar bl-għaqda ta' soċjetà wahda jew iktar ma' soċjetà eżistenti ohra (is-soċjetà li takkwista) –

Meta bhala riżultat tal-amalgamazzjoni, il-kapital awtorizzat jew il-kontribuzzjonijiet totali tas-soċjetà li takkwista jkunu akbar mill-kapital awtorizzat jew kontribuzzjonijiet totali ta-soċjetà minnufih qabel l-amalgamazzjoni, ammont li jkun daqs id-differenza, jekk ikun hemm, bejn l-ammont ta' drittijiet li kien ikollu jithallas ma' l-ewwel reġistrazzjoni b'referenza ghall-kapital awtorizzat jew ghall-kontribuzzjonijiet totali tas-soċjetà li takkwista u l-ammont ta'

drittijiet li kien ikollu hekk jitħallas b'referenza għall-kapital awtorizzat jew għall-kontribuzzjonijiet totali tas-soċjetà minnfih qabel l-amalgamazzjoni.

Fil-każ ta' amalgamazzjoni ta' żewġ soċjetajiet jew iktar billi ssir soċjetà ġdida minflok is-soċjetajiet eżistenti –

Ammont b'referenza għall-kapital awtorizzat jew għall-kontribuzzjonijiet totali tas-soċjetà l-ġdida, kif hemm provdut fil-paragrafu (a) ta' din l-Iskeda.

(f) Reġistrazzjoni ta' qsim ta' kumpannija:

Fil-każ ta' qsim ta' kumpannija li tiġi akkwistata –

Meta bħala riżultat ta' qsim, il-kapital awtorizzat ta' xi waħda mill-kumpanniji eżistenti jkun akbar mill-kapital awtorizzat tagħha minnfih qabel il-qsim, ammont li jkun daqs id-differenza, jekk ikun hemm, bejn l-ammont ta' drittijiet li kien ikollu jitħallas ma' l-ewwel reġistrazzjoni b'referenza għall-kapital awtorizzat ta' dik il-kumpannija wara l-qsim u l-ammont ta' drittijiet li kien ikollu hekk jitħallas b'referenza għall-kapital awtorizzat ta' dik il-kumpannija minnufih qabel il-qsim.

Fil-każ ta' qsim ta' kumpannija billi jsiru żewġ kumpanniji ġodda jew aktar –

Għar-rigward ta' kull kumpannija ġdida, ammont b'referenza għall-kapital awtorizzat ta' kull kumpannija minn dawk, kif provdut fil-paragrafu (a) ta' din l-Iskeda.

(g) Reġistrazzjoni ta' prospett annwali ta' kumpanija:

Fil-każ meta l-kapital awtorizzat tal-ishma fil-kumpannija jew fil-kumpannija barranija –

(i) ma jkunx iżjed minn Lm5,000	Lm50
(ii) ikun iżjed minn Lm5,000 iżda mhux iżjed minn Lm50,000	Lm100
(iii) ikun iżjed minn Lm50,000 iżda mhux iżjed minn lm100,000	Lm150
(iv) ikun iżjed minn Lm100,000 iżda mhux iżjed minn Lm500,000	Lm200
(v) ikun iżjed minn Lm500,000	Lm250
(h) Reġistrazzjoni ta' dokumenti mibgħuta lir-Reġistratur tal-Kumpanniji skond l-artikolu 387 ta' l-Att ta' l-1995 dwar il-Kumpanniji jew l-artikolu 180 ta' l-Ordinanza dwar Soċjetajiet Kummerċjali:	Lm25
(i) Għal kull kopja, għal kull folja:	10c
(j) Għal ċertifikat dwar kopji veri:	25c
(k) Għal kull ċertifikat ieħor maħruġ fuq it-talba ta' min tkun:	Lm1
(l) Għal kull spezzjoni ta' dokumenti ta' kull soċjetà kummerċjali f'għamla ta' karti:	Lm1 għal kull *file*
(m) Għall-ispezzjoni ta' dokumenti ta' soċjetajiet kummerċjali f'għamla elettronika:	Lm1 għal kull siegħa jew parti minnha.